malta biennale .art 2026

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

16 ta' Awwissu 2024

# JIBDEW IT-TĦEJJIJIET GĦALL-MALTABIENNALE 2026

**Tinħareġ sejħa għal direttur artistiku**

It-tieni edizzjoni tal-maltabiennale.art se tkun qed issir bejn Marzu u Mejju tal-2026. It-tħejjijiet għal dan il-festival internazzjonali tal-arti kontemporanja imtella' minn Heritage Malta primarjament fis-siti u l-mużewijiet mħarsa minnha diġà bdew. Illum stess ħarġet sejħa lokali u internazzjonali għal direttur artistiku għal maltabiennale.art 2026. Aktar tagħrif dwar din is-sejħa jinsab fuq is-sit maltabiennale.art . Is-sejħa se tibqa' miftuħa sat-23 ta' Settembru 2024.

L-edizzjoni inawgurali tal-maltabiennale.art saret aktar kmieni din is-sena bejn Marzu u Mejju u laħqet livelli li ġew imfaħħra mill-midja internazzjonali. Il-maltabiennale.art 2024 kellu l-patrunaġġ kemm tal-President ta' Malta u kif ukoll tal-UNESCO. Iż-żmien magħżul biex matulu jittella' dan il-festival internazzjonali tal-arti huwa sinifikattiv fih innifsu, għaliex jiġbor fih taħlita ta' drawwiet, kultura u storja ta' Malta li flimkien mal-wirjiet tal-arti fil-maltabiennale, mifruxa ma' Malta u Għawdex, joffru esperjenza unika kemm għall-Maltin u kif ukoll għal min iżur pajjiżna. Din it-taħlita ġiet innutata saħansitra minn ġurnali u rivisti barranin li ddeskrivew lil Malta bħala waħda mill-aqwa destinazzjonijiet li wieħed għandu jżur matul il-maltabiennale.art.

Il-maltabiennale.art jittella' f'uħud mid-90 sit u mużew mħares minn Heritage Malta, f'bosta reġjuni mifruxa ma' Malta u Għawdex. Il-festival internazzjonali tal-arti kontemporanja huwa parti mill-viżjoni tal-aġenzija li l-mużewijiet tagħha jkunu iktar relevanti għall-udjenzi tas-seklu 21. "Permezz tal-arti kontemporanja li tiddiskuti temi kurrenti li qed iseħħu madwarna, il-mużewijiet li jkunu qed jospitaw il-biennale ma jibqgħux biss binjiet li jitkellmu dwar ilbierah. Bl-arti kontemporanja ninterpretaw mill-ġdid l-ilbieraħ, biex nifhmu iktar l-illum u nħarsu b'iktar fiduċja u ispirazzjoni lejn il-ġejjieni. B'dan il-mod, is-siti ta' Heritage Malta jieħdu ħajja oħra u joffru esperjenza aqwa," tenna Mario Cutajar, Chairman ta' Heritage Malta u President tal-maltabiennale.art.

Wara l-ħatra ta' direttur artistiku tal-maltabiennale.art 2026, u karigi ohra li s-sejħiet tagħhom se jkunu qed jinħarġu fiż-żmien li ġej, ser tinħareġ is-sejħa internazzjonali għal proposti artistiċi. It-tema ta' din it-tieni edizzjoni tal-maltabiennale.art se tkun qed titħabbar iktar 'il quddiem qabel is-sejħa għall-proposti artistiċi.